

# Manwel Cilia – L-Għannej jew Ta' Żabetta (1889 – 1967)



**Michael Bonnici**

Manwel (Emmanuele) Cilia twieled Ħaż-Żebbuġ, fl-24 ta' Mejju 1889. Missieru kien Francesco u ommu Elizabetta. (Il-laqam tiegħu *'ta' żabetta'* ġej minn isem ommu.*)* Kien joqgħod fit-Triq Sant'Antnin nru. 29. Kien miżżewweġ lil Anna Calleja u kellhom wild wieħed Maria Carmela magħrufa bħala Marianne.

Il-professjoni tiegħu kienet ta' *nurse* u pprattika mat-tabib prinċipali tas-servizzi Ngliżi li kien stazzjonat fil-Forti Sant'Iermu li dak iż-żmien dan il-forti kien mimli ħajja. Manwel miet fl-20 ta' Lulju 1967, fl-età ta' 78 sena.

Sfortunatament ftit nafu fuq il-ħajja komuni ta' Manuel Cilia ħlief dik li semmejna hawn fuq. Nafu iżda li kien raġel ta' sura twila, b'ras xagħar folt u abjad qotna, kien iżomm ruħu *smart*, nadif u kellu karattru ġentili u ħelu.

Żgur li għad hawn nies li għadhom jiftakru lil Manuel Cilia u hawnhekk nappellaw li jekk xi ħadd għandu xi diski, poeżiji u kull tagħrif ieħor fuqu dan jgħaddih lil din l-organizzazzjoni sabiex ma jintilifx u jibqa' miġbur għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

L-aktar li kien u għadu magħruf hija l-għanja ħelwa tiegħu b'vuċi tassew ħelwa, ċara u li tifhimha. Leħnu għadu magħruf sal-ġurnata tal-lum permezz tal-għanjiet tiegħu li baqgħu




*Michael Bonnici jintroduċi s-serata f'ġieħ Manwel Cilia li saret fil-Każin San Filep*



*Il-kitarra ta' Manwel Cilia li kienet għall-wiri fis-sala waqt is-serata*

magħrufa u li b'xorti tajba ma ntilfux. Dawn ġew miġbura permezz tal-ħidma tas-Sur Andrew Alamango li fis-sena 2010 ħareġ pubblikazzjoni tal-akbar interess u kien għal mertu tiegħu li d-diski ta' Manwel Cilia u ta' oħrajn li kienu rrekordjati fis-snin tletin tas-seklu għoxrin, ġew salvati fl-aħħar żmien tagħhom u b'hekk illum għandna rikordju mill-isbaħ ta' għana ta' dan il-perijodu.

L-għanja ta' Manuel Cilia u għannejja oħrajn ferrħu lill-poplu Malti u Għawdxi b'dan it-tip ta' kant b'kuntrast assolut mal-mużika *rock'n roll*, *country* u diski oħra li nafuhom bihom illum.

B'xorti tajba minn dan it-tip ta' kant b'karatteristika tassew Maltija kien milquħ u mfittex minn kulħadd. Fost id-diski tiegħu nsibu l-istorja romantika ta' "Arturo u Maria" maqsuma f'żewġ partijiet, "X'aħna sbieħ min jaf jarana", "Xalata għal San Pawl" "Il-mara u x-xitan" u oħrajn.

Illum il-ġurnata għandna nikkonsidraw lil Manuel Cilia bħala wieħed miż-Żebbuġin magħrufa (b'żieda ma' dawk li diġà għandna) fil-kultura, partikolarment fl-għanja folkloristika Maltija.

Għalkemm illum l-għana m'għadux daqshekk popolari fost iż-żgħażagh tagħna, għad fadal interess li b'dan il-ftit entużjażmu baqa' magħna iferraħ u apprezzat minn sezzjoni tal-komunità Maltija u minn hawn nawguraw li ma jintilifx l-interess fih. Infatti is-soċjetà ċivili għadha torganizza serata annwali biex dan il-forma ta' kant bħala parti mill-folklor Malti ma jintilifx.

